MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 406/2013

Il-Pulizija

[Maggur Josephine Gauci]

Vs

Emanuele Infurna

Illum, 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Emanuele Infurna, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 100755M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk if zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, ghal-perjodu ta' bejn April, 2012 sa April, 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jghati lil Silvana Infurna u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew

ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fit-30 ta' Settembru, 2013, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li semghet l-ammissjoni tal-imputat, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant ikkundannatu xahrejn prigunerija. Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata, in kwantu tikkonferma li l-appellanti hu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tbiddel il-piena inflitta fis-sentenza billi tirriduci l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ghal wahda inqas harxa u minghajr prigunerija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena ta' xahrejn prigunerija. Illi l-esponenti ammetta quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali illi l-manteniment ghall-perjoud indikat fic-citazzjoni huwa dovut lil martu Silvana Infurna u dan skond l-istess digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Illi jigi rilevat illi l-appellanti bl-ebda mod ma ried jonqos mir-rispett jew li ma jobdix l-ordni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Illi hekk kif indikat fl-espozizzjoni tal-fatti f'dan l-umli rikors tal-Appell l-appellanti ma waqafx ihallas il-manteiment fl-ammont ta' mija u hamsin Ewro (€150) fil-gimgha ghal-bzonnijiet tat-tfal b'kapricc, biex jisfida jew bhala dizrispett lejn l-Awtorita' tal-Onorabbli Qorti izda huwa fatt illi l-appellanti ghamel perjodu dizokkupat, hekk kif sab xoghol huwa wegga' fuq il-post tax-xoghol tant illi huwa kellu jigi rikoverat gewwa l-Isptar Mater Dei. Illi inoltre' hekk kif l-appellanti hareg mill-isptar huwa deher quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn inghata perjodu ta' prigunerija in konnessjoni ma' nuqqas fi hlas ta' manteniment u prezentament l-appellanti ghadu jinsab detentut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

2. Illi l-appellanti qatt ma kellu l-intenzjoni li jinjora' l-ordni ta' l-Onorabbli Qorti u tant anqas li jonqos fl-obbligi tieghu ghal hlas ta' manteniment dovut versu t-tfal minuri, tant illi l-appellanti intavola rikors fl-atti tal-medjazzjoni fejn talab lill-Onorabbli Qorti illi stante li huwa jinsab detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk jinsab minghajr xoghol u stante il-fatt illi kif l-appellant ser jiskonta l-piena huwa ser ikun disokkupat, huwa talab lill-Onorabbli Qorti tawtorizzah sabiex ihallas il-manteniment u l-arretrati kollha f'lump sum payment. Illi ghal dan il-ghan l-appellanti ser jaghmel il-pagamenti relattivi billi jitrasferixxi l-uniku ass/propjeta' li huwa ghandu u cioe' n-nofs indiviz tad-dar matrimonjali li huwa ghandu. Illi apparti din il-propjeta' l-appellanti ma jipposjedi l-ebda propjeta ohra. Illi dan ir-rikors ghadu mhux degretat mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) izda jidher li hemm qbil bejn il-partijiet sabiex il-manteniment u l-arretrati kollha dovuti mill-appellanti jithallsu permezz ta' lump sum payment billi tigi trasferita' n-nofs indiviz tad-dar matrimonjali li l-appellanti jipposjedi lill-martu bhala manteniment ghat-tfal. Illi dan il-pagament ser ikollu effett li l-appellanti mhux biss ihallas il-manteniment ghal perjodu mertu ta' dan l-Appell izda ihallas l-arretrati kollha kif ukoll menteniment futur. Illi l-appellanti spjega dawn ic-cirkostanzi lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u ghalhekk talab lill-Onroabbli Qorti sabiex taghtih zmien sabiex jikkonkludi dawn it-trattattivi u jhallas il-manteniment dovut lit-tfal minuri.
3. Illi huwa car u manifest illi fic-cirkostanzi tal-kaz, il-piena ta' prigunerija ma tiswa xejn lill-hadd, la lis-socjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta ghaliha dejjem okkazzjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-gusitzzja, li ma ghandha xejn x'tigwadanja izjed gialadarba l-appellanti jhallas il-manteniment bl-unika mezz possibbli li ghandu u cioe' billi jitrasferixxi n-nofs indiviz tad-dar matrimonjali b'hekk l-Ordni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civli (Sezzjoni tal-Familja) ser tigi ezegwita', u l-anqas ser ikollha effett benefiku versu l-minuri li ghalihom l-manteniment huwa finalment dovut. Illi ghal dan il-ghan l-appellanti talab lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex filwaqt li ssib htija fic-cirkostanzi tal-kaz u tenut kont tad-diffikulta li l-appellanti qed jghaddi minnha sabiex jadixxi ruhu mal-ordni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u ghalhekk minflok li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati tikkundanna lill-appellanti ghal piena' ta' prigunerija huwa jinghata l-possibilita li jiffinalizza' trattiva sabiex ihallas il-manteniment fl-ahjar interess tal-minuri u ghalhekk jigi liberat bil-kondizzjoni li jhallas il-manteniment fil-perjodu li l-Qorti timponi (ai termini tal-Artikolu 22 u 24 tal-Kap 446). Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma laqghetx din it-talba u kkundannat lill-appellanti ghal xahrejn prigunerija, liema piena fl-umli fehma tal-appellanti hija harxa wisq, tmur kontra l-interess tat-tfal minuri u hekk kif suespost ma sservi ghal xejn a kuntrarju ta' piena inqas harxa fejn l-appellanti jinghata l-possibilita li jiffinalizza t-trattativi ghat-trasferiment tan-nofs indiviz tad-dar matrimonjali bhala lump sum payment tal-manteniment dovut (kemm versu l-arretrati kif ukol versu mantenimenti futuri) u ghalhekk l-appellanti qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti mitigazzjoni tal-piena inflitta;

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien mizzewweg lil Silvana Infurna izda f'xi zmien isseparaw u l-appellant kien obbligat illi jhallas ammont ta' manteniment versu martu u wliedu. Jidher illi bejn April tal-elfejn u tnax (2012) u April tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant baqa' moruz fil-hlas tal-manteniment u ghalhekk wara rapport illi ghamlet Silvana Infurna l-pulizija ipprocedew kontra l-appellant bl-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

Permezz ta' verbal tat-tletin (30) ta' Settembru tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u l-Qorti ghaddiet mal-ewwel biex taghti s-sentenza taghha fejn ikkundannat lill-appellant ghal xahrejn prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell limitatament ghall-piena peress illi deherlu illi xahrejn prigunerija kienu gravuzi wisq fil-konfront tieghu aktar u aktar meta tqis illi huwa ma waqqafx il-manteniment b'kapricc jew bi sfida jew b'dispett lejn l-awtorità tal-Qorti izda ghamel perjodu dizokkupat u hekk kif sab xoghol, wegga' fuq il-post tax-xoghol tant illi kellu jigi rikoverat l-isptar Mater Dei.

Ikkunsidrat:

L-appellant mhuwiex qieghed jappella dwar mill-mertu u qed jitlob illi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, izda talab riforma fil-piena.

Fil-mori ta' dan l-appell permezz ta' kuntratt in atti Nutar Reuben Debono tal-ghoxrin (20) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant u martu waslu ghal ftehim ghal kuntratt ta' separazzjoni u f'artikolu sitta (6) hemm il-modalità tar-regim finanzjarju fejn Silvana Infurna hadet sehem mid-dar matrimonjali akkont tal-manteniment dovut lilha, inkluz l-arretrati sas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u ghalhekk ma kienx fadallha aktar interess f'din il-kawza peress illi l-interessi taghha gew sodisfatti bil-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tinsisti fuq il-piena ta' prigunerija kif imponiet l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet htija fl-akkuza, izda tirriforma l-piena u flok xahrejn prigunerija, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------